32005D0472

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Ġunju 2005

dwar il-finanzjament ta' l-istudji, l-evalwazzjonijiet u l-assessjar ta' l-impatt li jkopru l-oqsma tas-sigurtà alimentari, is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali u ż-żootekniki

(2005/472/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tagħha,

Billi:

(1) Taħt id-Deċiżjoni 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju, il-Komunità għandha tieħu jew tgħin lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri tekniċi u xjentifiċi neċessarji għall-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni veterinarja Komunitarja u għall-iżvilupp ta' l-edukazzjoni jew it-taħriġ veterinarju.

(2) L-istudji, l-assessjar ta' l-impatt kif ukoll l-evalwazzjonijiet sistematiċi u f'waqthom tal-programmi tan-nefqa tagħha huma prijorità stabbilita għall-Kummissjoni Ewropea (KE), bħala mezz ta' kontabilità għall-amministrazzjoni ta' fondi allokati u bħala mod kif tingħata spinta lill-kultura tat-tagħlim tal-lezzjonijiet fl-organizzazzjoni kollha, partikolarment f'kuntest ta' iżjed konċentrazzjoni fuq it-tip ta' tmexxija msejsa fuq ir-riżultati.

(3) Sabiex jitwettqu dawn il-kompiti, ħarġet sejħa għall-offerti għal kuntratt ta' qafas ta' evalwazzjoni li jkopri l-oqsma ta' politika tas-sigurtà alimentari, is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali, u ż-żootekniki wara proċedura miftuħa matul l-aħħar kwart ta' l-2004.

(4) Dan il-kuntratt ta' qafas mistenni li jipprovdi informazzjoni relevanti, f'waqtha u ta' kwalità għolja li ser isservi ta' bażi għat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-Komunità;

(5) Il-kompiti kollha individwali għandhom ikunu soġġetti għal arranġamenti speċifiċi. Kif inhu mfisser fil-kuntratt ta' qafas, dawn il-ftehimiet għandhom jiġu ffirmati bejn il-Kummissjoni u l-kuntrattur magħżul.

(6) Il-miżura prevista f'din id-Deċiżjoni taqbel ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdani

L-azzjonijiet deskritti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni huma approvati għall-għan tal-finanzjament tagħhom.

Magħmul fi Brussell, nhar l-24 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003, (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

ANNESS

Dominju: Is-sigurtà ta' l-ikel, is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali u ż-żootekniki.

Bażi legali: Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-infiq fil-qasam veterinarju.

Ħidmiet assenjati:

— Diversi tipi ta' studji u servizzi oħra li jassistu fit-tifsil u t-tħejjija tal-proposti tal-Kummisjoni;

— Assessjar ta' l-impatti/evalwazzjonijiet *ex ante*;

— Evalwazzjonijiet *interim* u *ex-post*.

L-evalwazzjoni tal-Politika Sanitarja Komunitarja dwar l-Annimali (CAHP - *Community Animal Health Policy*) 1995-2004 u l-għażliet ta' politika possibbli għall-ġejjieni (inkluż mudell għall-finanzjament tar-riskji għall-epidemiji tal-bhejjem) ntgħażlu bħala prijorità għall-2005.

Approprjazzjonijiet 2005:

— 17 04 02 — Miżuri oħra fil-qasam veterinarju, tal-benesseri ta' l-annimali u s-saħħa pubblika: EUR 500 000

— 17 01 01 04 — Studju sperimentali: mudell għall-finanzjament tar-riskji għall-epidemiji tal-bhejjem — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva: EUR 500 000.

Baġit: massimu ta' EUR 1 000 000 għall-ewwel sena tal-kuntratt ta' qafas.

Numru ta' azzjonijiet speċifiċi previsti: Madwar 6.

L-azzjonijiet kollha għandhom jiġu rregolati b'regoli ta' prokura pubblika komuni: użu *in casu* tal-kuntratt ta' qafas eżistenti.